A.L. 49 ta' l-1997

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1997 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1997 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 6).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-14 ta' April, 1997.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) *Flat* numru 3, Blokk 3A, Qasam tad-Djar ta' San Ġwann t'Għuxa, Bormla (Tenement No. 68533).

(2) *Flat* numru 6, Entratura E, Appartamenti 21 ta' Settembru, 1964, Blokk 2, Proġett tad-Djar Ta' Bighi, Triq l-Għassieli, Kalkara (Tenement No. 76649).

(3) *Flat* numru 1, Bieb D, Blokk 1, Skema 2, Telgħet Raħal Ġdid, Paola (Tenement No. 63953).

(4) *Flat* numru 7, Blokk H, Triq Jean Houel, Qasam tad-Djar Ta' Ġiorni, San Ġiljan (Tenement No. 68763).

(5) *Flat* numru 2, Blokk F, Triq il-Peprin, Santa Luċija (Tenement No. 70905).

(6) *Flat* numru 14, Blokk N, Triq iż-Żnuber, Santa Luċija (Tenement No. 68414).

(7) *Maisonette* numru 113B, Triq San Nikola, Valletta (Tenement No. 262903).

(8) *Flat* numru 5, Blokk 2, Triq il-Mediterran, Valletta (Tenement No. 63016).

(9) *Flat* numru 9, f'numru 177, Triq San Kristofru, Valletta (Tenement No. 062981).

(10) *Flat* numru 6, Blokk G, Entratura C, Qasam Fuq Tal-Ħawli, Vittoriosa (Tenement No. 77128).

(11) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-biċċiet ta' art magħrufin bħala Land ta' l-Isqof, limiti Kirkop, kif hawn aktar 'il quddiem indikat —

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 234 metru kwadru magħrufa bħala Plot 3, Triq Valletta, Kirkop, li tmiss mill-Majjistral f'parti ma' proprjetà ta' Andrew Brincat u f'parti ma' proprjetà ta' William Axiaq, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' George Bezzina u mil-Lbiċ ma' Triq Valletta, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 40, Triq Valletta, Kirkop, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Pl. 3 fuq L.D. 24/97/1;

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 126.15 metru kwadru magħrufa bħala Plot 9, Sqaq Sant'Anġlu, Kirkop, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' George Sammut, mix-Xlokk ma' Sqaq Sant'Anġlu u mill-Majistral ma' proprjetà ta' Leonard Falzon, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 9, Sqaq Sant'Anġlu, Kirkop, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Pl. 9 fuq L.D. 24/97/1;

(ċ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 174.7 metru kwadru magħrufa bħala Plot 10, Sqaq Sant'Anġlu, Kirkop, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Leonard Attard, mix-Xlokk ma' Sqaq Sant'Anġlu u mill-Majistral ma' proprjetà ta' George Bezzina, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 10, Sqaq Sant'Anġlu, Kirkop, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Pl. 10 fuq L.D. 24/97/1.

(12) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 149.6 metru kwadru u inkluża art addizzjonali ta' madwar 61.3 metru kwadru magħrufa bħala Plot 17 u Sit B, Triq il-Palazz l-Aħmar, Fleur-de-Lys, Santa

Venera, li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern fi Fleur-de-Lys, limiti Santa Venera, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' Triq il-Palazz l-Aħmar, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Joseph Busuttil u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 17, Triq il-Palazz l-Aħmar, Santa Venera. L-imsemmija biċċa art tinsab delineata bl-aħmar u markata P. 17 u l-imsemmi sit jinsab ukoll delineat bl-aħmar u markat B fuq L.D. 235/81/12.

(13) *Flat* numru 1, Blokk A1, Triq is-Sifa, Qasam Ta' Pennellu, Mellieħa (Tenement No. 69289).

(14) *Flat* numru 1, Blokk G, Skema (Unit) 3, Bini tal-Gvern, Paola (Tenement No. 62263).

(15) Id-dar bin-numru 1, Triq il-Kosbor, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex (Tenement No. 70644).